IL-BELT
VICTORIA
RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GĦAWDEX.

Nru. 12 Mejju — Ġunju 1983

**Editorjal**

# "GĦADDEW 1950 SENA . . ."

Iż-żmien jgħaddi u ma jistenna lil ħadd. Bil-kemm tkun trid temmen li jkun għadda daqstant żmien. Hekk jiġrilna kull darba li nieqfu ftit u niftakru f'dawk il-ġrajjiet li permezz tagħhm aħna ksibna il-fidwa tagħna mill-jasar tad-dnub. Fix-xhur li għaddew iċċelebrajna il-festi tal-Ġimgħa Mqaddsa, u smajna lil Papa Ġwanni Pawlu II jfiakkarna li minn dawk il-ġrajjiet kienu għaddew 1950 sena. Kien xieraq, għalhekk, li din is-sena niċċelebraw flimkien is-Sena tal-Ġublew, is-Sena Imqaddsa tar-Redenzjoni.

Il-Papa stieden lill-bnedmin kollha: **"IFTĦU BERAĦ IL-BIBIEN TA' QALBKOM GĦAR-REDENZJONI."** Jeħtieġ li matul din is-sena mqadsa straordinarja, aħna nkunu lesti li nħallu lil Kristu jsaltan fi qlubna u ġo fina. Dan jista' jseħħ jekk aħna ninpenjaw ruħna kontinwament li ngħixu ħajja sewwa, kif irid Hu, anke jekk forsi dīn il-ħaġa tiswielna xi sagrifiċċji.

Il-Parroċċa tagħna ġiet ukoll magħżula minn Mons. Isqof sabiex wieħed ikun jista' jirbaħ l-indulġenzi tal-Ġublew. Aħna inħossuna wkoll ixxurtjati li fil-parroċċa tagħna għandna Kurċifiss mill-iżjed devot u meqjum, antik ħafna. Tajjeb li matul din is-sena mqaddsa nersqu iżjed ninvistaw lil dan il-Kurċifiss. Inħarsu lejh u nippruvaw nifhmu aħjar x'għamel għalina s-Salvatur tagħna. B'hekk qed nobdu lill-Papa fl-istedina sabieħa li għamlilna biex "nifthu qalbna għar-Redentur".



## ĠITA GĦAL RUMA

## Fl-okkażjoni tas-Sena Mqaddsa

*Mit-Tnejn, 25 ta' Lulju*
*sal-Ħadd, 31 ta' Lulju*

**Ġita mill-Parroċċa ta' San Ġorġ**

Tagħrif mill-Uffiċċju Parrokkjali Tel: 556377

"IL-BELT VICTORIA"
Revista ta' kull xahrejn
Uffiċċju Editorjali: Ċentru Parrokkjali San Ġorġ, Triq Karità — Victoria, Għawdex.
Tel: 556377

### MAGHMUDIJIET

13.2.83 MICHAEL, iben Joseph Gatt Georgina Galea
25.2.83 MATTHEW, iben Silvio Zammit u Antonia Grech.
23.4.83 MARK EDWARD iben Ted Xerri u Linda Lane
29.4.83 MARIANNE bint Joseph Sagona u Grace Attard

### ŻWIĠIJIET

17.3.83 Eucharist Portelli Agnes Cauchi
26.3.83 Maria Vassallo u Angelo Vella
16.4.83 Maria Anna Borg u Joseph Falzon

### MWIET

14.2.83 Anton Formosa
15.2.83 Joseph Tabone
16.2.83 Gużepp Gauci
23.2.83 Ġorġa Bajada
28.2.83 Mikelina Mizzi
14.3.83 Maria Anna Mallia
18.3.83 Vincensa Farrugia
21.3.83 Tereza Gatt
22.3.83 Karlu Mizzi
23.3.83 Maria Assunta Scicluna
18.4.83 Marianna Bugeja
21.4.83 Maria Gauci
21.4.83 Maria Spiteri

### IS-SENA MQADDSA TAR-REDENZJONI

Hija sena li se tfakkar l-1950 sena mill-Passjoni, il-Mewt u l-Qawmien tal-Mulej. Is-sena li fija sehhet il-fidwa taghna. Din is-Sena Mqaddsa bdiet nhar il-25 ta' Marzu, 1983, solennità tat-Thabbira tal-Mulej, u taghlaq fit-22ta' April,1984 nharGhid il-Kbir.
Il-ghan ewlieni ta' dan il-Ġublew huwa t-tiġdid spiritwali tal-Poplu kollu ta' Alla, li jibda jsehh fi spirtu ta' penitenza u konverzjoni.
Matul is-sena tal-Ġublew se niksbu grazzja kbira, jiġifieri se naghrfu mill-gdid l-imhabba ta' Alla ghalina u se naraw sewwa l-ghana bla qies tal-misteru tal-Passjoni, il-Mewt u l-Qawmien mill-imwiet tal-Mulej.
Flimkien ma' din il-grazzja hemm ir-rebh ta' l-indulġenza tal-Ġublew li l-Knisja bis-setgha li ghandha minn Kristu, taghtiha lil dawk kollha li niedma u soghbiena jaghmlu dak li hu mitlub mill-Ġublew.
Is-Sena tal-Ġublew tal-Fidwa tghinna biex mill-ġdid niksbu s-sens ta' Alla.



## NILTAQGHU NHAR

### MEJJU '83

**Il-Hadd 1:** San Ġużepp Haddiem.
**Il-Hamis 5:** Siegha Adorazzjoni Komunitarja fis-2.00 p.m.
**Il-Ġimgha 6:** L-Ewwel Ġimgha tax-Xahar. Adorazzjoni Solenni.
**Il-Hadd 15:** Solennità tat-Tlugh fis-Sema tal-Mulej (Lapsi) fit-8.00 a.m. Konċelebrazzjoni Solenni.
**Il-Hamis 19:** **L-Ewwel Hamis ta' S. Ġorġ fis-7.00 p.m. Konċelebrazzjoni Solenni mill-Kapitlu.**
**Il-Hadd 22:** Solennità ta' Ghid il-hamsin. Fit-8.00p.m. Konċelebrazzjoni Solenni.
**L-Erbgha 25:** **L-Ewwel Tqarbina lit-Tfal tal-Parroċċa.** Fil-5.30 p.m. Konċelebrazzjoni Pontifikali.
**Il-Hamis 26:** **Il-Griżma ta' l-Isqpf lit-Tfal tal-Parroċċa.** Fil-5.30 p.m. Konċelebrazzjoni Pontifikali.
**Il-Ġimgha27:** **L-Ewwel Jum tal-Kwaranturi.** Adorazzjoni Sollenni fis-7.00 p.m. Konċ. Solenni.
**Is-Sibt 28:** **It-Tieni Jum tal-Kwaranturi.** Adorazzjoni Solenni. Fis-7.00 p.m. Konċ. Solenni.
**Il-Hadd 29** **L-Ahhar Jum tal-Kwaranturi. F' nofs in-nhar quddiesa u wara tkompli l-Adorazzjoni. Fil-5.30 p.m. Konċelebrazzjoni Pont. u Purċissjoni Ewkaristika.**

### ĠUNJU '83

**Il-Ġimgha 3:** L-Ewwel Ġimgha tax-Xahar. Adorazzjoni Solenni.
**Il-Hadd 5:** Solennità tal-Ġisem u d-Demm ta' Kristu fit-8.00 a.m. Konċ. Solenni u purċissjoni madwar il-pjazza.
**Il-Ġimgha 10:** Solennità tal-Qalb ta' Ġesù. Fis-2.00 p.m. Siegha Adorazzjoni Kommunitarja.
**L-Erbgha 22:** **Gheluq il-mitt sena minn meta l-Madonna kellmet lil Karmni Grima f' Ta' Pinu. Fis-1.30 p.m. Pellegrinaġġ ghall-Bażilika ta' Pinu.**
**Il-Ġimgha 24:** Solennità tat-Twelid ta' S. Ġwann Battista.
**L-Erbgha 29:** Solennità ta' San Pietru u San Pawl.




### Lejn Kura Obbligatorja fl-Ewropa ta' Fuq

Il-Pajjiżi ta' l-Ewropa ta' Fuq qed jaħsbuha jekk għandhomx iressqu liġijiet li bihom jordnaw kura obbligatorja għad-dipendenti tad-droga. Dal-pass qed jitqies għax l-awtoritajiet fil-pajjiż msemmija qed jammettu li l-ġruppi organiżżati li jmexxu d-drogi qed ikunu rebbieħa fil-ġlieda. Għaxar snin ilu huma kienu jqisu l-problema tad-drogi bħala xi ħaġa li teżisti biss fl-Amerika ta' Fuq. Illum, il-proporzjon ta' mwiet bid-drogi fl-Isvezja u fl-Olanda sar ogħla minn dak ta' l-Amerika ta' Fuq.

Il-kummissjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-drogi narkotiċi ftit ilu għamlet laqgħa fi Vjenna biex tara x'linja ġdida se tieħu biex tirmedja għad-diżastru ta' l-eroina fl-Ewropa. Il-puluzija tal-kotra tal-bliet kapitali Ewropej jammettu li d-difiża tagħhom kontra d-drogi saret ħerba.

### Rotot Ġodda għas-Suq tad-Drogi

Skond "THE JOURNAL" ta' Mejju 1981, il-gazzetta li toħroġ mill-"Addiction Research Foundation" ta' Ontario, fil-Kanada, id-drogi, fosthom l-eroina, ma għandhomx jaslu fis-swieq ta' l-Ewropa u ta' l-Amerika ta' Fuq permezz tat-Turkija, iżda permezz ta' l-Eġittu.

Il-gvern militari li twaqqaf fit-Turkija qed jagħmilha bi tqila li jissokta l-kummerċ tad-drogi mill-gruppi organizzati. dawn il-gruppi issa waqqfu bażi ġdida tad-drogi fl-Eġittu biex minn hemm jibqgħu jinfdu fl-Ewropa u jkabbru kemm jistgħu s-suq tagħhom fl-Afrika.

Il-"United Nations Fund for Drug Abuse control" għadha kemm awtorizżat l-investiment ta' 1.2 miljun dollaru biex isaħħaħ id-difiża ta' l-Eġittu kontra dawn il-gruppi organiżżati. Iżda l-awtoritajiet tas-saħħa Eġizzjani qed jibżgħu li din l-operazzjoni waslet tard wisq. Huma għandhom provi li f' naħiet 'il bogħod u moħbija ta' l-Eġittu ta' Fuq, hemm għelieqi ġodda tal-pjanta tal-loppju.

### L-Aqwa Għadu tad-Drogi . . . il-FAMILJA

"L-aqwa programm edukattiv kontra d-drogi u l-abbuż tagħhom jinsab fil-ħajja ta' kuljum tal-familja." Hekk qal Dr. Everest L. Chalmers, President ta' l-"Alcohol and Drug Dependency Commission" ta' New Brunswick, fil-Kanada. Dr. Chalmers stqarr li ilu magħruf li hemm ħolqa għaddejjaq bejn kriżi fil-familja u abbuż mid-drogi;"wasal iż-żmien għalina li nitgħallmu iżjed kif il-familja tista' teħles ħafna miż-żgħażagħ milli jirrikorru għall-abbuż tad-drogi.

**RIĊETTA GĦALL-ŻWIEĠ HIENI**

- **Meta tiżżewġu ħobbu.**
- **Wara li tiżżewġu studjah.**
- **Jekk hu sigriet afdah.**
- **Jekk tarah qalbu sewda, ferrħu.**
- **Meta jkollu aptit joqgħod jitkellem isimgħu.**
- **Meta jkollu l-burdata tal-ġlied tagħtix kasu.**
- **Jekk ma jħobbx jiddeverti, ħajru**
- **Jekk iħobb joħroġ mur miegħu.**
- **Meta jkun jistħolqlu busu bil-ħlewwa.**
- **Ħallih jinduna li int tifhmu.**
- **Iżda tħallihx jinduna li qed tmexxieh!**



*Jiktbilna l-Prof. Ġużè Aquilina*

# ID-DIVORZJU:
## Sfida diretta kontra Ġesù Kristu

**Malta qed tinbidel għall-aħjar jew għall-agħar? Għaddejjin mid-dlam għad-dawl jew mid-dawl għad-dlam? Għal ħafna, progress ma jfissirx ħaġa oħra ħlief tarmi ħwejġek u tiddandan bi ħwejjeġ ħaddieħor. Malta ilha għaddejja minn proċess ta' kopjar. Qegħdin nikkupjaw il-barranin biex inkunu progressivi; qegħdin nistħu minn drawwiet misserijietna u qed narmu biċċa biċċa l-wirt li ħallewlna.**

### Kopjar servili

Fil-proċess ta' kopjar servili, xi wħud donnhom lesti biex jarmu ż-żwieġ bħala sagrament u jisfidaw direttament lil Kristu li qal, ċar u tond, li dak li Alla jgħaqqad (mara u raġel fiż-żwieġ) l-ebda bniedem ma jista' jħoll. Kelma t'Alla għal min jemmen fiħ! Qed inwebblu lin-nisa u l-irġiel tagħna bid-divorzju. Id-divorzju hu sfida diretta kontra Ġesù Kristu li għamel iż-żwieġ rabta sagramentali li ma tinħallx ħlief bil-mewt.

> **KAMPANJA**
> **ANTI-SOĊJALI**
> **ANTI-FAMILJA**
> **ANTI-MALTIJA**

Il-manija ta' kupjar li daħlet hawn Malta qed twassal lil xi nies fostna għal fehmiet anti-kristjana u għalhekk anti-Maltin għax imorru kontra t-tradizzjoni qadima ta' gżira kważi għal elfejn sena kattolika li f'dak li għandu x'jaqsam mar-reliġjon, imxiet dejjem fuq it-tagħlim tal-Knisja. U jekk hemm materja ta' natura reliġjuża minnha nfisha, dan hu ż-żwieġ li Kristu għamlu sagrament, qaddsu u refgħu fuq il-għaqda purament sesswali ta' bejn l-annimali. Fi kliem ieħor, Kristu liż-żwieġ ma ħalliħx għaqda naturali, imbuttatura ta' istint waħdu, imma għamlu wkoll għaqda sagramentali. Spiritwalizżah. Id-divorzju ma jagħmelx ħaġa oħra ħlief jiddegrada u jħott iż-żwieġ.

L-ewwel dokumentazzjoni bibblika taż-**żwieġ bħala sagrament insibuha f'San Mattew fejn naqraw li "dawk li Alla għaqqad flimkien ħadd ma għandu jifred". (19, 8). Hu u jikkummenta dan il-kmand kbir, Tertilljanu jgħid li min jiksru jmur kontra r-rieda t'Alla għax Hu biss jista' jifred ir-raġel minn martu kif Hu għaqqadhom fiż-żwieġ. U jifriedhom mhux bil-metodu iebes tad-divorzju li hu kkundanna bħala abbuż kontra l-liġi, imma bid-destin tal-mewt.**

Minn kliem Tertulljanu, kittieb nisrani tat-tielet seklu wara Kristu, naraw li d-divorzju huwa mostru xiħ li ilu jipprova jirvina l-għaqda taż-żwieġ bħala sagrament.

Kittieb ieħor nisrani tar-raba' seklu wara Kristu, Lactantıus kiteb: "Raġel ikun ħati ta' adulterju jekk hu jiżżewweġ mara divorzjata u l-istess jekk hu jiddivorzja lil martu biex jiżżewweġ amra oħra".

### Is-Separazzjoni

Imma waqt li l-Knisja dejjem ikkundannat id-divorzju, ammettiet is-separazzjoni għal kawża serja meta l-miżżewġin, għal raġuni jew oħra, ma jibqgħux jifilħu jgħixu ma' xulxin. Tabilħaqq, is-separazzjoni ġġib ċerti inkonvenjenzi, dwejjaq u solitudni, imma dawn mhumiex inkonvenjenzi li jitneħħew bid-divorzju, għax dan, fil-fatt, ikabbarhom u jżidhom.

Il-ħtieġa tas-separazzjoni, meta din hi ġustifikata bħal fil-każ li raġel jaħqar jew isawwat lil martu, biex nagħtu eżempju, toħloq stat ta' ħniena għal sitwazzjoni krudili, imma din is-sitwazzjoni hija s-salib li wieħed ikollu jġorr wara Kristu.

**Id-dinja hija kollha slaleb bħal ċimiterju, imma wieħed mill-ikraħ slaleb huwa d-divorzju għax qiegħed fit-triq ta' l-infern, waqt li s-separazzjoni ġustifikata qiegħda fit-triq tal-ġenna jekk kemm-il darba l-vittma taċċettah bħala salib li trid iġorru wara Kristu. Il-Knisja taf bihom dawn l-inkonvenjenzi, tagħder u tħeġġeġ it-talb għall-għajnuna biex dak li jkun jiflaħ iġorr is-salib. Imma**

f'kull każ il-Knisja tagħmel l-akbar enfasi fuq l-imħabba ta' bejn il-miżżewġin. Meta sfortunatament din l-imħabba tonqos, il-vittma jibqgħalha dejjem l-akbar imħabba, li hija l-imħabba ta' Alla għal bniedem fin-niket.

Il-mara jew raġel mifrudin jistgħu malajr jaqgħu għat-tentazzjoni tad-divorzju bħala soluzzjoni tas-solitudni ta' ħajjithom imfarrka, jekk jitħallew waħidhom, imċaħħdin mill-faraġ ta' l-imħabba t'Alla li hija wisq akbar mill-imħabba tal-mara għal raġel u mill-imħabba tar-raġel għal martu. Għax nistgħu nħossuna żguri li meta Kristu ż-żwieġ għamlu sagrament ma jinħallx ma riedx b'daqshekk joħloq vittmi tal-moħqrija jew abbużi tal-bniedem għal ħaddieħor.

**L-aspett reliġjuż u dak soċjali**

Dwar l-aspett reliġjuż taż-żwieġ u d-divorzju għidna dak li hu essenzjali, jiġifieri li **(i) huwa Kristu stess li għamel iż-żwieġ sagrament ma jinħallx ħlief bil-mewt; (ii) li d-divorzju hu, għalhekk, kontrarju għar-rieda t'Alla u sfida; (iii) li d-divorzju, għax jifred il-miżżewġin, hu fil-fatt isem ieħor għall-adulterju,u** li fl-aħħarnett **(iv)kull min iwebbel lill-poplu biex jidħol id-divorzju f'pajjiż ikun qed ixewwex kontra r-rieda t'Alla u jirrendi ruħu responsabbli għall-konsegwenzi morali ta' soċjetà adultera.**

Issa nieħdu l-aspett soċjali. L-esperjenza tad-dinja wriet li d-divorzju jfarrak kull sens ta' familja u jagħmel miż-żwieġ bħal logħba ta' l-azzard. Fl-Amerika, sas-sena 1910, wieħed minn kull tnax-il żwieġ kien spiċċa b'divorzju. Issa, fi żmenijietna, ir-rata tad-divorzju saret wieħed kull erbgħa. Tistgħu tistħajlu l-istraġi tal-familji fejn hemm id-divorzju. L-akbar vittmi huma l-ulied li f'daqqa waħda jsibu ruħhom mingħajr omm jew mingħajr missier u ħafna drabi mingħajr it-tnejn. Iltiema ta' ġenituri ħajjin.

X'isir minnhom dawn it-tfal imsejkna? Jikbru bla dar, imċaħħdin mill-imħabba tal-ġenituri, ħafna minnhom jomordu psikoloġikament, jiżbilanċjaw ruħhom mentalment, jagħtuha għal ħajja bla rażan, drogi, xorb u delitti donnhom bi protesta, isiru egħdewwa tas-soċjetà u ħafna minnhom jispiċċaw il-ħabs. Tagħdirhom aktar milli tikkundannahom. Tikkundanna lill-ġenituri tagħhom divorzjati li ċaħħdu lil uliedhom mill-għaqda tal-familja.

**Avventura**

Kieku d-divorzju kien tabilħaqq soluzzjoni għall-inkwiet ta' l-ewwel żwieġ, kieku t-tieni żwieġ kien ikun biżżejjed, imma fil-fatt, ħafna mid-divorzjati jgħaddu minn divorzju għal ieħor bħallikieku ma kienx ħaġa oħra għajr avventura sesswali.

**Ta' kull ġimgħa nħobb naqra żewġ listi ta' mejtin f'żewġ ġurnali diversi, wieħed malti "Leħen is-Sewwa" u "Time" (USA) Innotajt id-differenza bejn il-mewt ta' persuni distinti, għonja u famużi, barranin. Dawk imsemmijin f' "Leħen is-Sewwa" ġeneralment igħidu li dak li jkun miet imqarar u mqarben fil-paċi t'Alla u jissemmew il-membri tal-familja b'ulied uliedu kollha li ħalla warajh, filwaqt li fit-"Time" jissemma liema marda qatlitu u kemm-il darba kien miżżewweġ (il-listi tad-divorzji)! Din hi s-soċjetà li rridu nikkupjaw hawn Malta?**

## NITĦEJJEW GĦALL-FESTA TA' SAN ĠORĠ

**Nhar il-Ħamis 19 ta' Mejju jibdew id-disa' Ħamisijiet bħala tħejjija għall-festa ta' San Ġorġ. Dak in-nhar issir Konċelebrazzjoni mmexxija mill-Arċipriet fis-7.00 p.m. Wara mbagħad f'kull nhar ta' Ħamis ikollna quddiesa bil-priedka dwar il-martri glorjuż San Ġorġ. Tajjeb li ngħinu fl-armar tal-festa, tajjeb li ngħinu fil-ġbir, fil-knisja, imma huwa wisq iktar tajjeb u meħtieġ li nħejju ruħħna kif jixraq biex nhar il-festa tiegħu nhar il-Ħadd, 17 ta' Lulju li ġej, il-padrun tagħna jkun tassew kuntent bina, li tnat inħobbuh u nqimuh.**

## NIFIRĦU . . .

**Nifirħu lil WISQ REV. KAN DUN NIKOL VELLA APAP li nhar l-Erbgħa, 13 ta' April 1983 għalaq 25 sena jqaddes. Il-Board Editorjali jixtieqlu Ad Multos Annos.**

## Il-Qaddis tax-xahar
## SAN FILIPPU NERI
## (1515 - 1595)

*26 ta' Mejju*

Filippu twieled Firenze nhar it-22 ta' Lulju, 1515. Kien wieħed mill-erbat itfal ta' Francesco Neri, nutar rispettabbli u Lukrezja da Mosciano, bint in-nobbli. Iżda Filippu ftit dam igawdiha 'l ommu, għax din mietet meta kien għadu ta' ħames snin. Ta' tip ferrieħi, jobdi malajr u jħobb il-knisja ma setax jonqos li kulħadd kien iħobbu.

Peress li l-familja tiegħu kienet għaddejja minn żmenijiet iebsa hu ngħabar ma' zijuh Romolo f'San Germano. Biss issa kienet qed issir bidla kbira fil-qalb ta' Filippu. Ftit 'il bogħod, fuq l-irdumijiet ta' Gaetaj kien hemm knisja mwarrba ddedikata lit-Trinità Qaddisa. Filippu sikwiet kien imur hemm; Alla kien qed isejjaħlu għal ħajja iktar attiva, u hekk f'anqas minn sena minn mindu kien wasal, ħalla San Germano u telaq għal Ruma.

Ruma li fiha sab ruħu Filippu kienet fi stat li jbikki. Il-ġibda għall-pjaċiri, il-ħajja bla rażan, ix-xalar u t-tbaħrid kienu kull fejn iddawwar wiċċek. Ma' dan trid iżżid il-faqar ta' ħafna li kienu bil-għuż: Hu ma kien ġab xejn miegħu u ma kien jaf 'il ħadd. L-ewwel sentejn f'Ruma għaddihom f'ħajja rtirata f'daqsxejn ta' kmajra jitlob, jaqra l-Bibbja u jagħmel penitenzi. Mixgħul bl-imħabba lejn Alla u qalbu magħfusa għall-ħażen li kien jara madwaru, hu ħareġ minn qoxortu u beda l-appostolat tiegħu fil-beraħ. Kien imur fil-pjazez fejn kien jara l-folol. Hemm kien jibda l-kliem fuq Alla u jġiegħel lil dak li jkun jinteressa ruħu mir-reliġjon u jaħdem għas-salvazzjoni ta' ruħu.

Kien imur ukoll fl-isptarijiet u hemm imidd idejh, jiknes l-art, jagħmel is-sodod, jaħsel u jdewwi l-morda, u fejn jista' jżellaq xi kelma ta' ġid. Minkejja x-xogħol kbir li kien qed jagħmel, ħass li seta' jkun ta' ġid ikbar għall-Knisja jekk isir saċerdot. Ġie ordnat fit-23 ta' Mejju 1551. Issa l-appostolat tiegħu nfirex f'oqsma ġodda, l-iktar fil-konfessjonarju. Filippu ma kienx kuntent biss bit-tagħlim li kien jagħti. Kien jisħaq fuq il-virtù ta' l-umilta' u l-perseveranza.

Filippu qatt ma kien ta' saħħa kbira. Marad ħafna drabi. Nhar il-Festa ta' Corpus ta' l-1595 kien jidher b'burdata tajba u ħadd ħliefu ma basar li kien fl-aħħar. Dam iqarar il-jum kollu; qrib nofs il-lejl qabditu emoraġija kbira, qrawlu t-talb ta' l-aħħar u ttajjar lejn is-Sema fis-sigħat bikrin tas-26 ta' Mejju. Meta fetħu l-qabar erba' snin wara, ġismu kien għadu f'kundizzjoni tajba. Papa Ġirgor XV għollieh għall-glorja ta' l-artali fit-12 ta' Marzu, 1622.

## IL-GRIŻMA TA' L-ISQOF

Is-Sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof jagħti għajnuniet speċjali biex wieħed ikun jista' jgħix il-ħajja ta' nisrani tajjeb, u biex jistqarr bil-kelma u bl-eżempju t-twemmin nisrani tiegħu quddiem id-dinja.

Id-dmir ta' dawk li jieħdu dan is-Sagrament huwa li jagħtu xhieda tal-Passjoni u l-Qawmien ta' Kristu mill-Mewt quddiem id-dinja kollha. dan ifisser li jkunu membri ħajjin tal-Knisja, u skond ma jmexxihom l-Ispirtu s-santu, ifittxu li jkunu ta' ġid u jaqdu lil kulħadd kif għamel Kristu.

Is-Sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof ikattar u jsaħħaħ il-grazzja li biha sirna wlied Alla u li ħadniha għall-ewwel darba fil-Magħmudija. Huwa jagħti wkoll il-grazzja sagramentali li biha min jirċevih ikollu l-qawwa li jegħleb it-tentazzjonijiet u t-tfixkil, waqt li jaħdem għat-tixrid tal-Fidi Nisranija bi kliemu u bix-xhieda li jagħti.

Il-Griżma ta' l-Isqof tingħata billi l-Isqof jifrex idejh fuq dawk li jkunu ser jirċievu l-Griżma u jitlob għalihom. Imbagħad iqiegħed idu l-leminija fuq ras kull wieħed minnhom u jimmarkah fuq ġbinu bis-sinjal tas-Salib u bid-dilka mqaddsa, waqt li jgħidlu: "Hu s-siġill tad-don ta' l-Ispirtu s-Santu".

Id-dilka mqaddsa tkun magħmula minn żejt u balzmu mħalltin flimkien. Iż-żejt ifisser il-qawwa tar-ruħ li jagħti dan is-Sagrament, waqt li l-balzmu jfisser il-fwieħa ta' ħajja tajba li tixbah lil dik ta' Kristu.

# ROKNA GĦAT-TFAL



*Għeżież tfal,*

*Kif intom! Iż-żmien għaddej ġmielu u kważi reġa' wasal is-sajf. Iżda qabel xejn, qabel ma nibdew ngħumu u nixxemxu ma ninsewx li għandna l-eżamijiet. Qegħdin nippreparaw xejn għalihom? Ix-xogħol ll jagħtuna l-iskola qegħdin nagħmluh? Ftakru li jekk ma tistudjawx, ma' għandkomx għax tistennew riżultati tajbin u sbieħ. U mbagħad żgur li ma jkunx jistħoqqilkom li tmorru tgħumu kuljum. Forsi aktar ikun jistħoqqilkom xi kastig, mhux hekk? Mela studjaw u ħejju ruħkom sewwa għall-eżamijiet biex tkunu tistgħu tgħaddu sajf kwiet u ta' mistrieħ.*

*Ħaġ'oħra. F'dawn il-ġranet ta' Mejju, ħafna minn sħabkom se jagħmlu l-Ewwel Tqarbina. Tinsewx titolbu għalihom biex, l-ewwelnett, ikunu denji li jilqgħu lil Ġesù għandhom, u t-tieni, biex jibqgħu jirċevuh ta' spiss, jekk jista' jkun kuljum. Sadanittant, intom ukoll għandkom tiftakru fl-Ewwel Tqarbina tagħkom u itolbu lil Ġesù biex dak il-ferħ kbir li ħassejtu dak in-nhar, jibqa' f'qalbkom u magħkom dejjem.*

*Tkunu mberkin. Tata'.*

Iz-Ziju Peppi.

**Ir-Rebbieħ tal-Kompetizzjoni fil-ħarġa Nru. 11 huwa: Joebert Galea, 29, Xagħra Road, Victoria. Li għandu j iġbor il-premju mill-Uffiċċju Parrokkjali.**

## JUM L-OMM
## 15 ta' Mejju

## JUM IL-MISSIER
## 19 ta' Ġunju

Jum l-Omm u Jum il-Missier, illum il-ġurnata, saru żewġ dati mportanti u mistennija f'kull familja. It-tfal sa minn kmieni jibdew jiftakru f'dawn iż-żewġ festi biex ikollhom lest xi rigal għal din l-okkażjoni. Dawn huma żewġ dati li ma jista' jinsihom ħadd. Kulħadd għandu jew kellu omm u missier. Dawk li għadhom, jistgħu jgawduhom u għandhom joqgħodu attenti li ma jonqsux minn dan id-dmir lejn il-ġenituri tagħhom. Dawk li l-ġenituri tagħhom ġa ħallew dan il-wied ta' dmugħ, għandhom, f'dawn il-ġranet, jfitakru fihom iktar minn qatt qabel. Imħabba bħal ta' l-omm u tal-missier ma ser insibuha mkien. Jiġri x'jiġri, anke jekk forsi jkun hawn minn jħares lejn il-ġid tad-dinja u jinsa dak li jkunu ġarrbu l-ġenituri tiegħu, għandna nagħtu qima u rispett lil dawk li ġabuna fid-dinja.Lil dawk li rabbewna, lil dawk li b'tant għożża ħarsuna minn kull deni. Dan kollu għandħom ifissru għalina Jum l-Omm u Jum il-Missier. Ir-rigali biss mhux biżżejjed. Hemm bżonn iktar u iktar imħabba sinċiera ħierġa mill-qalb, imħabba li l-ulied kollha għandu jkollhom lejn il-ġenituri tagħhom, mhux biss f'dawn iż-żewġ okkażżjonijiet imma tul il-ħajja tagħhom kollha.

Nieħdu din l-okkażjoni biex ngħarrfukom li nhar is-Sibt, 14 ta' Mejju 1983 fit-TEATRU ASTRA ser issir serata speċjali dedikikata lill-ommijiet kollha.

Tonqsux li tmorru, għax tieħdu gost żgur.

### Donazzjonijiet għar-Rivista:

**C. Pace Lm1; M. Cremona Lm1; S. Pace Lm1; C. Sacco Lm3; J. Cauchi Lm1;**

**C. Camilleri 50c; Kan. Coronato Grima Lm1; F. Tabone Lm1.50c**

**Is-Sinjuri Paul Galea, Joe Grech, Tony Grech u Noel Attard (Mich. U.S.A.) bagħtu US $5 kull wieħed.**

## IL-KOR TA' WIDFORD LODGE

Għat-tielet darba fil-Bażilika tagħna erġjna smajna l-vuċijiet ħelwin tat-tfal ta' Widford Lodge Prep School, però din id-darba akkumpanjati minn strumentalisti ta' Oakham School. Il-kor ħa sehem f'Konċelebrazzjoni Pontifikali mmexxija mill-Isqof Cauchi nhar Ħadd il-Għid fil-għodu, u wkoll ta' Kunċert ta' kant u mużika fil-Bażilika tagħna nhar it-tlieta, 5 ta' April fil-għaxija. Il-kor, li kien taħt id-direzzjoni għaqlija ta' Mr Kenneth Francis, ġie pprezentat b'donazzjoni u 'cold buffet' wara l-kunċert tat-Tlieta 5 ta' April fil-għaxija.





Nhar il-Ħadd il-Għid, wara Konċelebrazzjoni Pontifikali mmexxija mill-Isqof Nikol Cauchi, saret l-inawgurazzjoni ta' Kwadru ġdid għall-Awla Kapitulari. Dan il-kwadru, xogħol tal-pittur Pawlu Camilleri Cauchi, jirrapreżenta lill-Isqof Nikol Cauchi, li huwa d-Dekan u l-għola dinjità tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata tagħna. F'din l-okkażżjoni (ritratt) kien preżenti Mons Isqof stess, Mons Arċipriet, il-pittur P. Camilleri Cauchi u membri oħra tal-Kapitlu.

Nhar il-Ġimgha 15 ta' April, 1983 fil-Bażilika taghna kellna x-xorti nilqghu lill-kor Francis "CHANTEURS MONTAGNARDS" ra' Alfred Ronald mill-belt tal-Pirinej, fi Franza, Bargnére de-Bigorre. Dan il-kor ipprezentat f'Ghawdex mill-Ministeru ta' l-Affarjijiet Barranin u Kultura ta kunċert memorabbli ta' kant polifoniku mpekkabbli quddiem Bażilika mimlija nies. Mons. Arċipriet, lejn tmiem is-serata, ippreżenta ritratt bil-kulur tal-Bażilika ta' San Ġorġ. Kull minn kien preżenti kellu kliem ta' tifhir ghal dan il-kor u l-applaws ta' l-ahhar, wara l-innu ghall-arma tal-kor, ma setghax jieqaf, tant li l-kor reġa' mill-ġdid kanta l-ghanja tradizzjonali tal-Pirinej. L-organiżżazjoni kienet kollha f'idejn il-membri tal-Kumitat Storiku Kulturali tal-Bażilika ta' San Ġorġ li haqqhom kull tifhir.




ASTRA TOURS ASTRA TOURS ASTRA TOURS ASTRA TOURS

**TOUR I -- 14 il-ġurnata** *Tluq: 31 ta' Lulju - Lura: 13 ta' Awissu*

**SPANJA — FRANZA — ITALJA**

**TOUR II —— 17 il-ġurnata** *Tluq: 18 ta' Awissu Lura: 3 ta' Settembru*

**AWSTRIJA — UNGERIJA — ITALJA — CEKOSLOVAKKJA — GERMANJA**

**ŻEWĠ TOURS FAVOLUŻI**

*Dawk interessati għandhom javviċinaw lis-*
**Sur Paul M. Cassar, Organizzatur ta' l-Astra Tours** *(Tel: 551004 / 556256 / 556200)*


A & M Printing Ltd Qala, Gozo Tel 553217